**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv.Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum 9 ta' Gunju, 2020**

**Rikors numru:- 22/2019 (BS)**

**JS**

**-vs-**

**JB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' JS fejn eccepixxa:

1. *Li l-partijiet izzewgu lil xulxin fit-tmintax ta' Mejju elfejn u tmienja (18.5.2008), hekk kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tlett itfal li jisimhom AA li twieldet fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (3.1.2005), BB li twieldet fis-sitta u ghoxrin ta' Dicembru elfejn u sitta u CC li twieldet fis-sebgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (27.3.2009).*

3. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghall-aktar minn erba' snin u precizament mis-7 ta' Settembru 2015[1]. Sussegwentement huma gew de jure separati b'kuntratt redatt min-Nutar Maria Vella Magro datat dsatax (19) ta' Awwissu elfejn u sittax (2016). Kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress li minbarra li lhom snin twal mifruda, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin.*

5. *Illi l-esponenti u l-intimata kienu ddekadew mid-dritt illi jitolbu/jircievu manteniment minn xulxin.*

[1] Korrezzjoni awtorizzata permezz ta' Digriet tat-12 ta' Settembru, 2019 – A fol 21 tal-process

6. *Illi r-rikorrent qiegħed iħallas b'mod regolari l-manteniment versu t-tliet uliedu li gie regolat ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat.*

7. *Illi l-esponenti jixtieq li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.*

8. *Ghaldaqstant talab li din l-Onorabbli Qorti:*

   a. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*

   b. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju talpartijiet biex dan jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fejn talab illi d-data ndikata fit-tielet premessa ghandha tinbidel minn 7 ta' Settembru, 2019 ghal 7 ta' Settembru, 2015 .

Rat illi l-intimata ma opponietx ghal din it-talba u l-Qorti akkordat l-istess talba.

Rat illi l-korrezzjoni giet awtorizzata permezz ta' digriet tat-12 ta' Dicembru, 2019.

Rat inoltre r-risposta ta' l-intimata li biha tiddikjara li mhux topponi t-talba ghad-divorzju, b'dan illi ma għandhiex tbati spejjez tal-proceduri.

Semghet lill-partijiet li kkonfermaw li lhom mifrudin ghal aktar minn erba' snin u li m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni kif ukoll illi ma hemmx hlasijiet pendenti bejniethom.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew kollha sodisfatti. Infatti rrizulta li l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt pubbliku fid-dsatax ta' Awissu elfejn u sittax u lhom mis-sena elfejn u hmistax li sseparaw *de facto*. Irrizulta b'mod car minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li jirrikonciljaw.

Rat illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet u fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu xi hlas ta' manteniment filkonfront ta' xulxin.

Rat illi fir-risposta taghha l-intimata mhux qed topponi t-talba izda topponi ghallispejjez ta' l-istess.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez ghandhom jitħallsu mir-rikorrent.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur